MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 82/2009

**MADAME X LIMITED** (C-18898)

vs

John **ATTARD** u Salvina Attard

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-29 ta' Jannar, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin qegħdin jokkupaw il-fond f'numri sitta u tmenin (86), sebgħa u tmenin (87) u tmienja u tmenin (88), Vjal Kottoner, Fgura, bla ma għandhom l-ebda jedd jew titolu, u dan b'seħħ minn meta nħallet il-kirja tal-azjenda maħluqa b'kitba

privata tat-3 ta' Awissu, 2002; (b) ssib li l-istess imħarrkin għandhom iħallsuha kumpens talli żammew f'idejhom l-imsemmija postijiet u jħallsuha d-danni mġarrbin minnha minħabba nuqqas ta' ħlas ta' kera, ta' permessi u ta' premja ta' assikurazzjoni għaż-żmien mis-sena 2006 'il quddiem; (ċ) tillikwida l-ħlas dovut minnhom lill-kumpannija attriċi bħala kumpens u risarċiment tad-danni; u (d) tikkundannahom iħallsuha s-somom hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Frar, 2009, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat li l-imħarrkin naqsu li jressqu Tweġiba Maħlufa fiż-żmien mogħti mil-liġi, minkejja li kienu laqgħu n-notifika kif imiss tal-atti tal-kawża. Lanqas ma dehru quddiem din il-Qorti kull meta ssejħet il-kawża u dan ukoll minkejja li kienu laqgħu in-notifika kif imiss tal-Avviż tas-Smigħ;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2010, li bih u fuq talba tal-atturi, ordnat bidla fl-atti tar-Rikors Maħluf għall-finijiet tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-kumpannija attriċi;

Semgħet ix-xhud imressqin mill-kumpannija attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-kumpannija attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Marzu, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għal-likwidazzjoni ta' danni u ta' kumpens għal okkupazzjoni bla jedd ta' post mikri lill-imħarrkin u għall-ħsara li ġġarbet minħabba u matul dik l-okkupazzjoni illegali. Il-kumpannija attriċi kienet kriet stabiliment kummerċjali avvjat lill-imħarrkin, iżda wara xi żmien, dawn naqsu li jħallsu l-kera jew li jħarsu kundizzjonijiet oħrajn tal-ftehim tant li b'sentenza li ngħatat fl-2008, il-Qorti kienet sabet li l-kirja waqgħet u ordnat lill-imħarrkin joħorġu mill-post fi żmien xahar. Billi huma naqsu li joqogħdu għal dak lilhom ordnat u wkoll li jħallsu l-arretrati ta' kera mitluba, l-kumpannija attriċi fetħet din il-kawża biex titħallas kumpens u biex tiġbor id-danni li ġarrbet minħabba dan in-nuqqas ulterjuri tal-imħarrkin;

Illi l-imħarrkin ma ressqu l-ebda kontestazzjoni għall-azzjoni attriċi u waqgħu kontumaċi;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li kien sar ftehim fit-3 ta' Awissu, 2002[1], bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrkin miżżewġin Attard għall-kirja ta' l-avvjament tal-fond bl-isem "*Cottoner Pizzeria and Take Away*", f'numri 86, 87 u 88 fi Vjal Cottoner, fil-Fgura, u dan għal żmien ta' għaxar (10) snin b'seħħ minn dak inhar stess, u taħt il-patti u l-kundizzjonjiet hemm miftehma. Kien miftiehem li minkejja li l-liċenzi kollha jibqgħu fuq isem il-kumpannija attriċi, il-ħlas tagħhom kellu jsir mill-imħarrkin, li kellhom ikunu wkoll responsabbli waħedhom għat-tmexxija tal-istabiliment u għall-infieq tat-tiswijiet u ż-żamma tiegħu;

Illi lejn nofs l-2005, l-imħarrkin naqsu li jħallsu f'waqtha l-kera miftehma u kif ukoll il-permessi għat-tmexxija tal-istabiliment u r-rifużjoni tal-*premia* għat-tiġdid tal-kuntratti tal-assikurazzjoni fis-seħħ dwar l-istess post, liema ħlasijiet kienu saru mill-kumpannija attriċi;

Illi f'Jannar tal-2006, il-kumpannija attriċi fetħet kawża kontra l-imħarrkin[2] għal dikjarazzjoni li l-kirja kienet inħallet minħabba n-nuqqas ta' tħaris tal-kundizzjonijiet min-naħa tal-istess imħarrkin u l-kundanna tagħhom għat-

[1] Dok "A", f'paġġ. 6 sa 26 tal-proċess
[2] Rik. Nru. 63/06GV maqtugħa fit-28 ta' Marzu, 2008 u mhux appellata

tkeċċija mill-post u l-ħlas tal-ammonti li kienu minnhom lilha dovuti sa dak inhar. Il-kawża nqatgħet b'sentenza[3] li laqgħet it-talbiet attriċi kollha u ordnat lill-imħarrkin joħorġu mill-post sa żmien xahar minn dak inhar. L-imħarrkin naqsu li jroddu lura l-post lill-kumpannija attriċi;

Illi f'Ottubru tal-2008, il-kumpannija attriċi talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrkin, u fetħet din il-kawża f'Jannar tal-2009. Il-kumpannija attriċi ħadet il-post lura f'idejha f'Ġunju tal-2009[4];

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta ma' dan il-każ jirrigwardaw b'mod ewlieni l-kwestjoni tad-determinazzjoni taż-żmien tal-okkupazzjoni bla jedd tal-post min-naħa tal-imħarrkin, u kif ukoll x'inhu l-kumpens xieraq pretiż mill-kumpannija attriċi. Dan kollu jrid isir fl-isfond tal-kontumaċja tal-imħarrkin;

Illi **dwar il-kwestjoni tal-okkupazzjoni tal-post** m'għandu jibqa' l-ebda dubju li ż-żamma tal-post min-naħa tal-imħarrkin tmur kontra dak li kien stabilit minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza mogħtija minnha f'Marzu tal-2008. Dik is-sentenza kienet qatgħetha li l-kirja kienet inħallet minħabba n-nuqqasijiet attribwiti lill-istess imħarrkin. Minbarra dan, l-istess sentenza kienet ordnat lill-imħarrkin joħorġu mill-post fi żmien xahar minn dak inhar. Jiġi għalhekk li l-imħarrkin ma kellhom l-ebda titolu jew jedd jibqgħu fil-post u, minbarra dan, kellhom joħorġu minnu sa żmien perentorju ffissat mill-Qorti;

Illi dik il-Qorti ma stabilietx sewwasew id-data minn meta kellha titqies maħlula l-kirja miftehma fl-2002. Il-kumpannija attriċi tqis li din imissha tkun stabilita b'seħħ mill-1 ta' Jannar tal-2006. Il-kawża kienet infetħet matul dak ix-xahar u kienet kontestata mill-imħarrkin li, sa dak iż-żmien, kienu qegħdin jallegaw il-jedd tagħhom biex jibqgħu jinqdew bil-post bis-saħħa ta' titolu tajjeb ta' kirja. Is-sentenza msemmija ngħatat f'Marzu tal-2008;

---

[3] Dok "B", f'paġġ. 27 sa 34 tal-proċess
[4] Xhieda ta' Pauline Debono 10.3.2010, f'paġ. 89 tal-proċess

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li, fid-dawl tal-kundizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet[5] u taċ-ċirkostanzi li tressqu provi dwarhom, id-data li fiha għandu jitqies li nħall il-ftehim tal-kirja jmissha tkun l-aħħar tas-sena 2005, jiġifieri li, mill-għada 'l hemm, iż-żamma tal-post min-naħa tal-imħarrkin titqies li kienet waħda bla ebda jedd jew titolu;

Illi lill-Qorti jirriżultalha wkoll li dik iż-żamma saret minkejja u kontra r-rieda tal-kumpannija attriċi;

Illi **dwar it-tieni talba attriċi** huwa effett loġiku daqskemm awtomatiku li, ladarba l-imħarrkin baqgħu jżommu l-post meta ma kienx għad għandhom jedd jagħmlu hekk, iridu jagħmlu tajjeb għal dan bil-ħlas ta' kumpens għall-okkupazzjoni. Il-Qorti tifhem li dan hu hekk ukoll dwar iż-żmien li fih kienet għadha qiegħda tinstema' l-ewwel kawża, għaliex ix-xoljiment tal-kirja seħħ, dejjem skond il-ftehim, *ipso jure* bis-saħħa tal-ksur tal-ħarsien tal-kundizzjonijiet miftehma tal-kirja, u bis-saħħa tal-patt kommissorju espress imniżżel fl-istess ftehim[6]. Iżjed u iżjed, allura, l-imħarrkin ġabu lilhom infushom passibbli għall-ħlas ta' dan il-kumpens meta dehrilhom li kellhom jibqgħu jżommu l-post taħt idejhom wara li kien għalaq iż-żmien mogħti lilhom mill-imsemmija sentenza biex joħorġu minnu u biex irodduh lura lill-kumpannija attriċi;

Illi mill-provi mressqa, din iż-żamma bla mistħoqq jirriżulta li kaxkret sa Ġunju tal-2009 (jiġifieri iżjed minn sena wara li l-imħarrkin kellhom iroddu lura l-post b'kulma fih skond kif ordnatilhom is-sentenza mogħtija f'Marzu tal-2008), xhur wara li din il-kawża kienet diġa' tressqet;

Illi dwar il-kwestjoni tal-kumpens għall-okkupazzjoni għaż-żmien ta' matulu l-imħarrkin baqgħu jżommu bla jedd il-post mikri lilhom, irid jitqies liema hija l-bażi legali ta' talba bħal din. Huwa aċċettat li min jokkupa jew iżomm għandu ġid ta' ħaddieħor bla jedd, irid jagħmel tajjeb għad-danni li jġib b'għamilu[7]. Minbarra dan, minn kliem il-liġi nnifisha joħroġ li l-inadempiment kuntrattwali jista' jwassal biex id-

---

[5] Ara klawsola 12 tal-ftehim (f'paġ. 10 tal-proċess)

[6] Ara l-artt. 1067 u 1069 tal-Kap 16

[7] P.A. PS **27.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Markiża Agnese Gera de' Petri vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et***

debitur ta' obbligazzjoni mhix imwettqa jintalab li jħallas id-danni lill-kreditur ta' dik l-obbligazzjoni[8];

Illi tajjeb li jingħad li d-danni li jistgħu jinkwadraw ruħhom taħt din il-kawżali huma dawk imnissla bil-fatt waħdu tal-okkupazzjoni tal-fond li baqgħet sejra fiż-żmien wara li nħall il-ftehim tal-kirja. Il-kumpannija attriċi torbot dan il-kumpens mistħoqq mal-kera miftiehem. Huwa minnu li sid li jitlob kumpens għaż-żmien li ġid tiegħu kien baqa' miżmum minn ħaddieħor mingħajr jedd ġeneralment jitlob kumpens li jista' jitqabbel mal-kera li sata' baqa' jirċievi kieku l-post kien effettivament mikri[9]. Iżda dan m'huwiex il-kriterju waħdieni[10] u lanqas ma huwa eskluż li jista' jkun fattur rilevanti li Qorti tasal biex tuża ħalli tagħti kejl xieraq tal-kumpens dovut. F'qasam bħal dan, irid ikun hemm "rabta reali" mal-ammont ta' kumpens mistħoqq u żgur m'hemmx lok għal spekulazzjonijiet dwar x'sata' ġara mill-post jew kemm kien ikun il-kera xieraq bil-prezz li jġib is-suq;

Illi, madankollu, f'ċirkostanza bħal din titnissel kwestjoni interessanti ladarba l-kumpannija attriċi talbet (bis-saħħa tal-proċedimenti li bdiet kontra l-imħarrkin fl-2006) dikjarazzjoni li l-ftehim tal-kirja ntemm bl-inadempiment tal-imħarrkin. Il-mistoqsija li tqum hawnhekk hi jekk hijiex ħaġa sewwa li l-kumpens ikun imkejjel sewwasew fuq patt li ma baqax iseħħ? Il-Qorti jidhrilha li t-tweġiba tagħha dwar din il-mistoqsija għandha tkun fis-sens li, filwaqt li għandha tittieħed konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi kollha marbuta mal-każ li jkun, il-fatt li kien hemm fis-seħħ ftehim ta' kirja li, kieku ma kienx għall-inadempiment tal-kerrej, kien ikopri ż-żmien taż-żamma effettiva tal-post għandu jkun wieħed minn dawn il-kriterji li l-Qorti jmissha tqis. Fil-każ tal-lum, il-ftehim tal-kirja kien miftiehem li jagħlaq f'Awissu tal-2012. Mela ma jkun xejn barra minn postu li din il-Qorti wkoll tqis il-kriterju tal-kera hekk miftiehem bħala kejl biex tasal għall-kumpens xieraq dovut lill-kumpannija attriċi;

---

[8] Art. 1069(2) tal-Kap 16
[9] P.A. TM **28.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***John Galea et vs Raymond Falzon et***
[10] P.A. AJM **2.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Camilleri et vs Joseph Bellizzi***

Illi wara li ċċarat dan il-fatt, u minħabba li din il-Qorti waslet għall-fehma li l-kirja ntemmet b'seħħ mill-31 ta' Diċembru tal-2005, il-kejl ta' kera kunsidrat għandu jaqbel ma' dak li kien ikun dovut li kieku l-partijiet temmew il-ftehim mingħajr tilwim bejniethom. F'dan il-każ, għalhekk, peress li l-ftehim kien li l-kera kellu jogħla wara t-tielet sena (jiġifieri b'seħħ mit-3 ta' Awissu, 2005), dan iġib li fiż-żmien li l-kirja tqieset maħlula, l-kera kien ta' erbatax-il lira (Lm 14)[11] kuljum u hekk kienet għadha l-kirja fil-31 ta' Diċembru, 2005. Dan huwa l-kejl li l-Qorti sejra tieħu biex tqis kemm hu l-kumpens dovut lill-kumpannija attriċi, u dan għaliex hija tal-fehma tagħha wkoll li kieku l-kumpannija attriċi esegwiet minnufih is-sentenza mogħtija favuriha f'Marzu tal-2008, dan ukoll kien ikun l-ogħla kera li setgħet tippretendi kuljum;

Illi minbarra li baqgħu jżommu l-post taħt idejhom kif fuq ingħad, ħareġ mill-provi wkoll li matul iż-żmien li l-istess stabiliment kien f'idejn l-imħarrkin seħħew xi ħsarat li ma kinux hemm meta beda l-kuntratt tal-kirja. Jirriżulta li dawn il-ħsarat jolqtu kemm it-tagħmir li kien tħalla lill-imħarrkin biex jistgħu jaħdmu bih u kif ukoll il-bini tal-istabiliment innifsu. Għalkemm il-ftehim tal-kirja ma jfissirx f'liema kundizzjoni ngħataw l-istess tagħmir u l-imsemmi post lill-imħarrkin, hija preżunzjoni tal-liġi[12] li l-ħaġa tkun ingħatat fi stat tajjeb. Minn dak li jidher mid-dokumenti esebiti[13] l-ħsarat (sinjali ta' ksur, tgħarriq, traskuraġni u użu mhux tajjeb) jolqtu kemm il-binja nnifisha u kif ukoll it-tagħmir ta' ġo fiha;

Illi kien miftiehem[14] li l-imħarrkin kellhom jagħmlu tajjeb għat-tiswijiet kollha (kemm ordinarji u kif ukoll straordinarji) u n-nefqa tal-manutenzjoni li jkunu meħtieġa waqt iż-żmien tal-kirja. Din l-obbligazzjoni kienet tgħodd ukoll għat-tagħmir ta' ġol-post. Għalhekk, m'huwiex meħtieġ li din il-Qorti toqgħod tqis liema ħsarat jew nuqqas ta' manutenzjoni ġara waqt li kienet għadha għaddejja l-kirja u liema minnhom seħħew wara li nħallet il-kirja imma sakemm l-imħarrkin kienu baqgħu jżommu l-

[11] Li jġibu €32.61 fi flus tal-lum
[12] Art. 1560 tal-Kap 16
[13] Dokti "D" u "L", f'paġġ. 47 – 8 u 56A sa 86 tal-proċess
[14] Ara Klawsola 6 tal-ftehim (f'paġ. 8 tal-proċess)

pussess taħt idejhom. Hemm prova li turi[15] li hekk kif il-partijiet kienu ltaqgħu fuq il-post f'Ġunju tal-2009, biex jingħataw lura ċ-ċwievet lill-kumpannija attriċi, ittieħdu r-ritratti eżebiti biex jixhdu għall-kundizzjoni li kien fiha l-istabiliment meta ngħata lura lill-kumpannija attriċi;

Illi minbarra dan, irriżulta wkoll li l-kumpannija attriċi (jew aħjar ir-rappreżentanti tagħha) kellha tidħol fi ftehim mal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu f'Novembru tal-2009[16] biex tħallas b'rati somma ta' elfejn erba' mija u tmejnu u ħamsin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmi (€ 2,452.83) bħala arretrati ta' liċenzi li kellhom jitħallsu mill-imħarrkin biex l-istabiliment jinżamm miftuħ u baqgħu ma tħallsux. Dawn il-ħlasijiet b'rati għadhom għaddejjin sal-lum;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-kumpens mitlub**, il-Qorti fliet b'reqqa l-provi dokumentali mressqin mill-kumpannija attriċi u, għar-raġunijiet u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li ssemmew qabel, din il-Qorti sejra tagħrafhom taħt iż-żewġ kawżali distinti ta' kumpens għall-okkupazzjoni u d-danni mġarrba;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kumpens għall-okkupazzjoni bla jedd tal-post, jirriżulta li bejn id-data meta qed jitqies li ntemmet il-kirja sa dak inhar li l-kumpannija attriċi ngħatat lura ċ-ċwievet tal-post, għaddew elf mitejn u erbgħa u sebgħin (1274) jum. Madankollu, meta l-kumpannija attriċi ressqet l-ewwel kawża kontra l-imħarrkin fl-2006, kienet talbet (u kisbet) kundanna għall-ħlas ta' kera sa l-1 ta' Frar tal-2006. B'hekk, minħabba li l-kumpens għax-xahar ta' Jannar, 2006, huwa diġa kanonizzat bl-ewwel sentenza, ma jkunx xieraq li l-Qorti terġa' tgħodd dak ix-xahar għall-finijiet ta' kumpens taħt din il-kawża wkoll. Għalhekk, il-kumpens xieraq għall-okkupazzjoni tal-post matul dan iż-żmien kollu jitla' għal erbgħin elf ħames mija u erbgħa u tletin ewro (€ 40,534)[17];

Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni l-Qorti sabet li din il-pretensjoni attriċi tinbena fuq (i) ħsarat jew

[15] Xhieda ta' l-A.I.Ċ. Hector Żammit 26.3.2010, f'paġġ. 97 – 8 tal-proċess
[16] Dok "K", f'paġġ. 55 – 6 tal-proċess
[17] 1243 x €32.61

tiswijiet meħtieġa; (ii) nfieq ta' ħatra ta' perit biex jagħti stima tal-ħsarat u spejjeż għat-tiswija; (iii) ħlas ta' liċenzi lill-Kummissarju tal-Pulizija; (iv) ħlas ta' *premia* għat-tiġdid tal-poloz ta' assikurazzjoni dwar l-istabiliment; u (v) ħlas ta' arretrati ta' liċenzi mal-Awtorita' ta' Malta għat-Turiżmu. Dwar dan, il-kumpannija attriċi ressqet prospett[18];

Illi b'mod ġenerali l-Qorti ssib li tista' toqgħod fuq it-tagħrif mogħti fl-imsemmi prospett. Taraha bħala ħaġa xierqa wkoll li, kif xehdet l-istess rappreżentanti tal-kumpannija attriċi, ngħatat stima tal-ħwejjeġ imħassrin jew imkissra kemm fuq il-valur tagħhom bħala ġodda u kif ukoll bi tnaqqis *pro rata* minħabba xi deprezzament jew għaliex l-istess oġġetti kienu wżati. Il-pretensjonijiet tal-kumpannija attriċi taħt din ir-ras huma dawk kif hekk imnaqqsa. Fid-dawl ta' din is-sura ta' lejalta' dwar kif jitressqu l-provi u dwar kif isiru l-pretensjonijiet minn parti f'kawża (meta kien mill-aktar ħafif għall-kumpannija attriċi li "tonfoħ" il-pretensjonijiet tagħha fl-għarfien sħiħ li l-imħarrkin kienu waqgħu kontumaċi u ma kinux għalhekk f'qagħda li jġibu provi biex jikkontestaw il-pretensjoni), din il-Qorti m'għandhiex ħlief turija ta' apprezzament mill-qalb lejn din l-imġiba korretta u etika tal-kumpannija attriċi u tal-avukat li deher għaliha;

Illi d-dubju waħdieni li jibqagħla l-Qorti dwar il-provi mressqa tad-danni mġarrba jirrigwarda l-ħlas tal-ewwel *premium* tal-polza ta' assikurazzjoni li jidher li sar f'Lulju tal-2005, jiġifieri xhur qabel ma kienet infetħet l-ewwel kawża u fejn fiha ntalbet ukoll speċifikatament il-kundanna tal-imħarrkin għall-ħlas ta' *premia* dovuti għall-istess poloz ta' assikurazzjoni. Għalhekk, mill-pretensjoni tal-kumpannija attriċi taħt din ir-ras, sejra twarrab l-ammont rappreżentat bl-ewwel riċevuta, jiġifieri s-somma ta' sitt mija u tmienja u erbgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmi (€ 648.73);

Illi mill-bqija, l-pretensjoni għad-danni sejra tintlaqa' u għalhekk il-Qorti qiegħda tillikwida l-ammont ta' danni mġarrba mill-kumpannija attriċi fis-somma ta' tlieta u

[18] Ara Dok "Ċ", f'paġġ. 45 – 6 tal-proċess

għoxrin elf ħames mija u sitta u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmi (€ 23,526.46);[19]

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis li ladarba ntwera sewwa li l-kumpannija attriċi ġarrbet l-imsemmija ħsara u ladarba ntwera li jistħoqqilha l-imsemmi kumpens, huma l-imħarrkin li jridu jagħmlu tajjeb għalihom għaliex kienu huma li nissluhom bl-imġiba tagħhom u bħala konsegwenza diretta ta' dik l-imġiba. Il-kumpannija attriċi ma setgħet tagħmel xejn qabel ma ngħatat il-post lura f'idejha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, fil-kontumaċja tal-imħarrkin:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin miżżewġin Attard żammew taħt idejhom bla ebda jedd jew titolu l-post (stabiliment kummerċjali) bin-numri 86, 87 u 88, Vjal Cottoner, Fgura, b'seħħ mill-ewwel (1) ta' Jannar, 2006, sas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju, 2009;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-istess imħarrkin għandhom jagħmlu tajjeb għall-ħlas ta' kumpens lill-kumpannija attriċi għall-okkupazzjoni bla jedd tal-istess post għaż-żmien kollu hawn fuq imsemmi, u kif ukoll biex jagħmlu tajjeb għad-danni mġarrba mill-istess kumpannija attriċi minħabba f'hekk, magħduda fosthom l-ispejjeż għaż-żamma u t-tiġdid ta' liċenzji għaż-żmien kollu wara Awissu 2005, u dawk għall-ħlas ta' *premia* għat-tiġdid tal-poloz ta' assikurazzjoni fis-seħħ dwar l-imsemmi post mis-sena 2006 'il quddiem;

**Tilqa' t-tielet u r-raba' talbiet attriċi** billi tillikwida l-kumpens mistħoqq għall-imsemmija okkupazzjoni illegali fis-somma ta' erbgħin elf ħames mija u erbgħa u tletin ewro (€ 40,534) u d-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf ħames mija u sitta u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmi (€ 23,526.46), u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somom

[19] € 15,134.58 + € 242 + € 3367.10 + € 2330 + € 2452.82

hekk likwidati, bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somom b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------